MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 158/2004

Avviz Nru 158/04DM

Bank of Valletta p.l.c.

Vs

Emanuel Pace u martu Mary Pace Decelis

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mija, sitta u sebghin lira Maltin, u sitta u sittin centezmi (Lm3,176.66) bilanc ghad-debitu fil-‘current account’ ta’ Emanuel Pace u martu Mary Pace Decelis mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘A1’ sa ‘A14’) flimkien ma’ l-imghax

ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2003, sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 14 ta’ Mejju, 2003, (Dok. ‘B’ u tal-mandat ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li gew ipprezentati kontestwalment mall-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati msejjhin ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lil PL Joseph Zammit prodott mill-bank attur bil-gurament u rat id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qedgha tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu lill-bank attur is-somma mitluba ta’ tlett elef, mija sitta u sebghin lira Maltin, u sitta u sittin centezmi (Lm3,176.66) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2003 ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------